# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Giovanni Ellul u omissis**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Giovanni Ellul**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 453386M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, f'Novembru 2015:

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz;

2. Talli Xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Fuq Talba tad-Direttur Generali tas-Sajd u Akkwakultura

3. Matul Novembru 2015, ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 li jwassal ghal reat ta' xorta gravi u dan rninhabba ksur ta' restrizzjoni imposta mill-Artikolu 4 *tar-REGOLAMENT (UE) Nru 64012010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-7 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid ghat-tonn Thunnus thynnus u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003;*

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-imputat Giovanni Ellul iddikjara li hu kien ħati tal-imputazzjonijiet.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effetti u l-konsegwenzi li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija għall-akkużi li jkunu miġjuba kontrih fis-sens li l-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u timponi piena skont il-Liġi.

Wara li tatu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jerġa' lura mill-istess dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u wara li anke tatu l-opportunita' li jikkonferixxi mal-Avukat Difensur, l-imputat tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr illi ssib lill-imputat Giovanni Ellul ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

*Ikkunsidrat : -*

Kwantu għall-piena li għandha tiġi nflitta l-Uffiċjali Prosekuturi tennew illi:

1. L-imputat ikkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija fi stadju tal-investigazzjoni u nterrogazzjoni.
2. Illi l-imputat għandu fedina penali li hija netta skont kif jidher mill-istess atti;
3. Illi l-ħut in kwistjoni kien ġie sekwestrat matul il-kors tal-Inkjesta Maġisterjali u l-istess ħut kien ġie mibjugh fuq talba tal-Uffiċjali Investigattivi sabiex l-istess ħut ma jiddeterjorax u r-rikavat jinsab miżmum mid-Direttur tas-Sajd.
4. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Prosekuzzjoni tenniet li hemm lok illi din il-Qorti tikkonsidra d-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni filwaqt li timponi multa fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Id-Difiża tenniet illi b'żieda ma dak li ġie mistqarr mill-Prosekuzzjoni u li miegħu aderiet li mill-qari tat-tielet akkuża kellu jirriżulta ampjament li n-natura tal-akkuża kienet dwar nuqqas ta' dokumentazzjoni korretta. Allura wieħed ukoll seta' jikkonkludi li effettivament l-ewwel u t-tieni akkużi ammessi, kienu fis-sustanza tagħhom repetuti fit-tielet akkuża.

Id-Difiża żiedet li dwar it-tielet akkuża fejn il-piena kienet bejn minimu u massimu ta' multa, dawn il-fatturi kellhom jimmitigaw favur piena ta' multa li tersaq viċin il-minimu.

Il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u wara li rat l-atti;

Wara li rat l-Artikoli 17(h), 188, 189 tal-Kap 9 kif ukoll r-Regolamenti 3 u 4 tal-Avviz Legali 209 tal-2011 skond kif emendat, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess qegħda ssib lill-imputat Giovanni Ellul hati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont ta' tliet elef Ewro (€3000).

Inoltre tordna illi l-ammont kollu tar-rikavat mill-bejgħ tal-ħut de quo f'dan il-każ jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjez kollha relatati mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-inkjesta liema spejjeż għandhom jiġu komunikati lill-ħati li qiegħed jintrabat li jħallashom fi żmien xahar minn meta jirċievi l-ammonti relattivi.

***Mogħtija illum is-6 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***